**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Frar, 2019**

**Rikors nru: 38/18 AGV**

AB f'isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' binha minuri CD.
Vs
L-Avukat Dr. J. Ellis u l-Prokuratur Legali Alison Wadge bhala kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw lil ED kif nominati minn din l-Onorabbli Qorti

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fid-19 ta' Frar, 2018 li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi l-esponenti kellha relazzjoni ma' ED, minn liema relazzjoni l-partijiet kellhom tifel bl-isem CD li twieled nhar is-Sibt 7 ta' Lulju, 2012 u dan kif jirrizulta minn kopja tac-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok.AM1;

2. Illi madwar tlett snin ilu l-intimat ED allontana ruhu mill-Gzejjer Maltin minghajr ma ta ebda raguni u cirka sena ilu huwa pprova jaghmel kuntatt mal-esponenti meta rega' gie lura Malta izda hija ma tafx fejn jinstab, b'dan illi prezentement l-unika indikazzjoni hi li setgha rritorna lura pajjizu u cioe' t-Turkija jew altrimenti mar jirrisjedi gewwa l-Istati Uniti.. In vista tac-cirkostanzi tal-kaz din l-Onorabbli Qorti awtorizzat lill-esponenti tipprocedi bic-citazzjoni minflok ma tirrikorri ghall-proceduri ta' medjazzjoni permezz ta' digriet tas-17 ta' Jannar, 2018, kopja ta' liema qieghed jigi hawn anness u mmarkat bhala Dok.AM2.

3. Illi l-intimat huwa bniedem aggressiv, huwa kien jaghmel uzu minn sustanzi illeciti specjament l-eroina matul ir-relazzjoni taghhom u kien isoffri mill-vizzju tal-alkohol kif ukoll xiri ta' medicini intizi sabiex huwa jtaffi l-bzonn tal-effett tad-droga.

4. Illi prorju minhabba li din it-tahlita ta' drogi, alcohol u medicini huwa kien habta u sabta isir bniedem vjolenti tant li darba fost l-ohrajn hataf lil ibnu minn hdejn ommu meta kien ghad ghandu biss xahrejn u qallha s-segwenti kliem li baqqghu mmarkati f'mohha u cioe:-

   *"I prefer to slit his throat than let you have him."*

5. Illi sabiex huwa jlahhaq ma' dawn il-vizzji kien sahansitra midjun, jissellef il-flus minghand shabu, il-kollegi tieghu kif ukoll bl-uzura u meta ma jifdallu xejn kien jisraq il-flus tal-esponenti u uliedha u dan b'detriment finanzjarju kbir lejn l-esponenti u binha li riedet tara kif taghmel biex issib il-flus ghall-hajja ta' kuljum halli ma jispiccawx bil-guh u fit-triq.

6. Illi konsegwenza ta' dawn il-vizzji huwa tilef kull xoghol li kellu, peress li kien jitlaq mix-xoghol sabiex imur jixtri d-droga jew inkella kien jaghmel uzu minn dawn is-sustanzi illeciti kif ukoll l-alkohol fuq il-post tax-xoghol.

7. Illi l-intimat huwa ta' nazzjonalita' Torka, huwa kien dahal f'zwieg ta' konvenjenza sabiex jottjeni cittadinanza Maltija fid-9 ta' Jannar, 2009 u l-kuntratt ta' separazzjoni gie pprezentat fil-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) fit-28 ta' Jannar, 2009.

8. Illi l-minuri ilu fil-kura u kustodja tal-esponenti u zewgha FB minn meta hija ltaqghet mieghu madwar erba' snin ilu li flimkien qedghin jiehdu d-decizjonijiet kollha mehtiega ghall-kura, kustodja u trobbija tieghu. Kien l-istess FB li qed jassumi r-responsabbilitajiet ta' missier u ilu ghal dawn l-ahhar snin jikkontribwixxi finanzjarjment ghall-bzonnijiet tal-minuri.

9. Illi fi kliem il-minuri stess FB huwa "daddy."

10. Illi wiehed jista' jemmen bi shih ghalfejn il-minuri jsejjah lil FB missier, tenendo kont li ED abbanduna lil ibnu f'Settembru tas-sena 2013 meta huwa kellu biss l-eta' tenera ta' sena u xahrejn u tah prokura generali lill-esponenti ghal ibnu fid-29 ta' Novembru, 2014 u telaq definittivament minn Malta l-ghada 30 ta' Novembru, 2014 u konsegwentement ilu ma jara lil ibnu b'mod regolari ghal aktar minn erba' snin, izda rah ghal ahhar darba aktar minn tlett snin ilu.

11. Illi l-esponenti qiedgha tressaq dawn il-proceduri ghall-affidament tal-minuri kif ukoll sabiex l-intimat ghandu jitlef l-awtorita’ ta’ genitur, u dana fl-ahjar interess tal-minuri. L-esponenti tixtieq li jkollha l-awtorita’ hi biex tiehu dawk id-decizjonijiet kollha anke ta’ natura straordinarja, li jirrigwardaw il-minuri skond il-ligi.

Ghaldaqstant u in vista ta’ dak espost fil-premess l-esponenti qiedgha umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti:-

1.Taffida l-kura u kustodja tal-minuri CD esklussivament lill-esponenti omm;

2.Tnehhi l-intimat l-awtorita’ ta’ genitur a tenur tal-artikolu 154, tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta u ta’ disposizzjonjiet ohra rilevanti u applikabbli fl-interess suprem tal-minuri u tvesti l-awtorita’ tal-genitur esklussivament f’idejn l-istess esponenti AB sabiex ikollha d-dritt, responsabbilita’ u awtorita’ li tiehu dawk id-decizjonijiet kollha ordinarji u straordinarji ghal binha minuri, inkluz dawn ghat-trobbija, edukazzjoni, sahha u religjon.

Bl-ispejjez kontra l-intimat ingunt minn issa in subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti nomine li eccepew is-segwenti:-

1.Illi fl-ewwel lok, jehtieg illi jigi ccarat li l-isem proprju tal-attrici peress illi hemm diskrepanza bejn kif imnizzel fl-okkju u kif gie ddikjarat sussegwentement.

2. Illi huwa fil-kwalita’ taghhom ta’ kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti ED mhuwiex prezentement edotti mill-fatti li taw lok ghal dina l-kawza u ghaldaqstant jirrizervaw illi jdahhlu eccezzjonijiet ulterjuri.

3.Illi inoltre, peress illi l-attrici naqset illi taghti indikazzjoni xierqa tal-indirizz ta’ GH, mhuwiex possibbli li l-esponenti noe. jikkuntatjaw lill-assenti.

4.Salv eccezzjonijjiet ulterjuri.

**<u>FATTI</u>**

1. Ir-rikorrenti kienet iltaqghet mal-intimat f’Dicembru, 2010 il-Belt Valletta. Ghall-bidu kienu jiltaqghu bhala hbieb xi tlett darbiet fil-gimgha. L-intimat kien qalilha li kien qieghed jistudja part-time l-Universita’ ta’ Malta u jahdem part-time u kien qieghed joqghod gewwa hostel il-Belt stess.

2. L-intimat kien qal lir-rikorrenti li kien spicca minghajr post fejn joqghod u dan ghax kellu xi jghid mas-sid tal-hostel u peress li kienet hennet ghalih, ir-rikorrenti offriet lill-intimat biex imur joqghod maghha. Minn hawn zvillupat relazzjoni intima bejniethom ukoll.

3. Fi Frar tas-sena 2012, ir-rikorrent kienet waqfghet tahdem peress li riedet tgawdi lit-tfal taghha I u J u setghet taghmel dan peress li kellha xi investment finanzjarju li kien jippermetti. Kien hawn li bdiet tara tibdil fil-karattru tal-intimat. Meta r-rikorrent affrontatu kien ammetta li kien qed ibati minn dipressjoni u li kien stqarr maghha li dan kien minhabba li kien mizzewweg lil KL u kien issepara minn maghha u kienet keccietu b’fuqu senduqu. Kienet ghalhekk hennet ghalih peress li emmnitu meta qal li kien

tilef il-part-time job tieghu, kien qed jircievi beneficcji socjali u ma setax jaffordja akkomodazzjoni alternattiva.

4. F'Ottubru, 2011 tghid li kienet inqabdet tqila u bdiet hierga l-verita' fuq l-intimat. Indunat li kien izzewweg ma' mara ohra ghall-konvenjenza ghaliex ried jikseb ic-cittadinanza u fil-fatt kienet telqitu wara li ghaddew hames snin miz-zwieg u kien sar cittadin Malti. Tghid li l-hostel li kien ighix fih kien il-YMCA ghax kien *homeless* u peress li ta' sikwit kien ikun taht l-influenza tax-xorb.

5. Ir-rikorrenti ssemmi ukoll illi saret taf li l-marki li kellu mill-minkeb sal-polz kienu sinjali tal-abbuz mill-eroina ghax kien ammetta maghha li kien jiehu l-eroina u kien rega' waqa' fil-vizzju u kien qed imur jiehu l-metahdone d-Detox Centre.

6. Ir-rikorrent tispjega li kienet iddecidiet li taghtih cans wara li wieghdha li kien ser jipprova jieqaf illi juza' d-droga. Kien anke sab impjieg full-time ma' betting company. Pero' tghid li ma kienx ighaddilha flus u kien hemm okkazzjoni fejn spicca jheddidha ghax irrifjutat li ttih il-flus u beda jheddidha bit-tarbija. Ma kienx jiddejjaq jehdilha l-karozza u jahli l-*fuel* u jwahhlilha hafna multi ghax kien jipparkja kif gie gie. Dan kollu gie kkonfermat minn omm ir-rikorrenti MN, li ziedet tghid ukoll li l-intimat kien insista mar-rikorrenti biex titma lil binha permezz tal-"breastfeeding" ghax ma kellhomx flus biex jixtru il-halib formula. Imbaghad tghid li kollegi tal-intimat O u P, kienu jixtrhulhom l-hrieqi u l-formula. Kien spicca mdejjen ma' kollegi, shabu u nies li jsellfu l-flus bl-uzura u dan spicca jiffinanzja l-vizzji tax-xorb, loghob u droga. Kien anke jisraq il-flus minghand it-tfal mill-electronic diary jew mill-mobiles. Ir-rikorrent tghid ukoll illi l-kredituri kienu ukoll ikkagunawlha hsara fuq il-proprjeta' taghha.

7. Ir-rikorrent thoss li l-intimat kien taqqala appositament ghax kien jaf li xi darba jew ohra kienet se titilqu u seta' juza' t-tarbija biex jibqa' marbut maghha ghal dejjem.

8. Ir-rikorrenti tirrakkonta kif kienet tghaddi l-flus li kienet tircievi mic-childrens allowance lill-intimat biex ihallsilha l-kontijiet tal-Go plc, izda mbaghad kienet skopriet li kien izomm il-flus biex jixtri d-droga. Skopriet ukoll li kellu d-dejn mal-Vodafone Limited.[1]

9. L-intimat kellu xi tlett impjiegi relatati mal-gaming, izda kien tkecca u dan minhabba li kien jisker u jiehu d-droga waqt li kien ikun ix-xoghol. Kien spicca anke sahansitra seraq xi flus minghand ommha, ghax meta kienu marru jieklu hemm, ommha kienet sab €60 nieqsa. Dan huwa kkonfermat minn omm ir-rikorrent stess MN, li tghid li dakinhar li kiel hemm kienet konvinta li kien qed jabbuza mid-droga, ghax ghal bidu kien jidher nervuz, imbaghad kien hareg jixtri s-sigaretti u kien gie lura frisk frisk.

10. Minn Facebook, u minn dak li kienet qalu shabu stess kien qed jittallab il-flus biex jaghmel ta' bir-ruhu li kellu bzonnhom biex jixtri l-hrieqi ghall-ibnu, meta dan kien biex izomm il-flus.

11. Ir-relazzjoni bejniethom intemmet f'Settembru, 2013 u dan peress li l-intimat kien beda jkun aggressiv u vjolenti maghha quddiem uliedha. Dak iz-zmien tistqarr I, bint ir-rikorrenti, li kienu ghadhom kemm iccelebraw il-quccija tat-tarbija C li kellhom il-partijiet u kien hemm il-fridge mimlija xorb. Tghid li fil-gimgha ta' wara kien xorob l-alkohol kollu u ghalhekk kien sar aktar aggressiv m'ommhom u ma ohtha. Kien rega' qabad il-vizzju tad-droga. Ir-rikorrenti tghid li minn dakinhar kienet iltaqghet

[1] Ara Dokumenti esebiti a fol.13 u 15 tal-process.

mieghu xi tmien darbiet biex turih it-tifel, u tul dan iz-zmien kien ighix idur mat-toroq jew kien joqghod f'appartament ma' haddiehor, izda kienu jkeccuh ghax kien jisraqhom. Kien jidher mahmug u taht l-influenza ta' eroina.

12. Fis-27 ta' Novembru, 2014, kien informa lir-rikorrenti li kien se jmur ighix il-Grecja ghax kien sab xoghol hemm. Kien anke se jsegwi kura fid-Detox Centre tal-Grecja. Kien ghalhekk fid-29 ta' Novembru, 2014 kienu marru ghand in-Nutar Michela Lanzon fejn taha prokura biex tkun tista' tiehu d-decizjonijiet kollha rigward it-tifel minuri C, minghajr l-awtorizzazzjoni tieghu.[2]

13. Ir-rikorrenti tghid li fit-30 ta' Novembru, 2014 l-intimat kien mar il-Grecja u mbaghad kien ikkuntattjaha hu l-intimat li nfurmaha li l-intimat kien qieghed f'stat disprat, rega' spicca fit-triq u kellu Hepatitis C, kien rega' tkecca mix-xoghol u kien rega' qabad il-vizzju tad-droga. Tghid li dak iz-zmien l-intimat kien qed jaghmel uzu minn numru tal-mobile taghha permezz tas-sistema *pay as you go*, izda tghid ma tafx x'sar minnu dan in-numru.

    Xi gimgha wara kien rega' kkomunika maghha hu l-intimat permezz ta' Skype call u kien infurmaha li l-intimat kien mar lura Istanbul ighix mal-genituri tieghu. Kien talabha biex ma tikkomunikax mieghu izjed peress illi kienu ha jkunu qed ighixu flimkien u kien jispicca jkun vjolenti mieghu.

14. L-intimat kien rega' gie f'Awissu, 2016 u kien inkariga lil Dr.Yanika Camilleri biex tikkomunika mar-rikorrenti biex jara lill-ibnu. Spiccaw

[2] Ara fol.19 tal-process.

jargumentaw ghand l-avukat u ghalhekk inkariga lil Dr. Valentina Lattughi, izda mbaghad jirrizulta li ma regax ghamel kuntatt maghhom.

15. L-ahhar li semghet minn habib tal-intimat kien li qed ighix l-Amerika. Ir-rikorrenti ukoll esebit estratt mill-profil tal-intimat minn Facebook, fejn mill-ahhar post kien jidher li qieghed New York, fl-Istati Uniti.[3] Ghalhekk qatt ma kien prezenti kemm emozzjonalment jew finanzjarjament ghal binhom C. I, bint ir-rikorrenti, tghid li F, li huwa ragel t'ommha, kien dahal f'hajjithom meta C kellu xi sentejn u halla effett tajjeb fuqu, ghax qabel C ma kienx irid kuntatt man-nies, hlief ghar-rikorrenti u kien jiribella jekk ma kinitx tghaddi tieghu. Illum tghid li ghal C, missieru huwa F. L-istess ighid Q, hu r-rikorrenti.

16. FB, illum mizzewweg mar-rikorrenti, ighid li meta sar jafha, kien induna li C, bin il-partijiet, kien tifel possessiv fuq ommu u kien ukoll jidher dejjem irrabbjat. Kien tifel insikur u rasu iebsa. Ighid li ghall-habta ta' Frar, 2015, ir-rikorrenti u C kienu raqdu ghandu u t-tifel kien ghamel xenata ghax kellu jorqod bejniethom fis-sodda. Kien beda jghidlu "*mummy is mine*." Ix-xhud jistqarr li kien spjega lill-minuri li issa kellhom jaqsmu lir-rikorrenti bejniethom. F'Marzu, 2015 kien mar ighix mar-rikorrenti u uliedha u jghid li l-atteggjament tal-minuri C, beda jitjieb u zvillupaw *bond* specjali bejniethom. Ighid li minhabba l-intimat, ir-rikorrenti spiccat b' problemi finanzjarji u kienet marret tghix mal-genituri taghha, izda llum ighid li jqisha u lill-uliedha bhala l-familja tieghu u jipprovdi ghat-trobbija kemm finanzjarjament, kif ukoll emozzjonalment, ghax iqisu ibnu, peress li missieru qatt ma kien hemm ghalih.

---

[3] Ara fol.34 tal-process.

Dan kollu huwa kkonfermat minn omm ir-rikorrenti, li sahansitra tghid li ma' FB, il-familja rega' nghaqqdet u t-tifel minuri C, kellu aktar *bond* mieghu milli mar-rikorrenti.

17. Xehed ukoll P, li kien habib tal-intimat u kien jattendi l-Universita' mieghu. Jiddeskrivi lill-intimat bhala persuna b'valuri minimi u personalita' b'vizzji tal-alkohol u droga. Ighid li kien jixrob waqt il-hinijiet tal-lectures. Kien jigdeb u jivvitimiza lilu nniffsu biex jehdilhom il-flus, imbaghad kien jonfoqhom fuq ix-xorb. Ighid li kien kuntent meta ltaqa' ma' A u kienet harget tqila, izda kellu d-dubbji tieghu kemm seta' kien responsabbli l-intimat. Fil-fatt, ighid li kien mar ghall-aghar ghax kien dejjem bla flus u kien isaqsih ghall-flus biex ikunu jistghu jixtru l-halib ghat-tarbija u xi bzonnjiet ohra ghall-minuri C, Ighid li kien jaghtih xi €50 u kien jispicca jaghti xi €20 lil A u jonfoq il-bqija fuq xorb. Ighid li dan kienet ikkonfermatu mieghu r-rikorrenti.

Ix-xhud ighid ukoll illi meta l-intimat telaq mill-Universita' haseb li kien ahjar biex jaqla' paga halli jkun jista' jmantni lill-ibnu, izda aktar ma hadem, aktar beda jonfoq u spiccaw regghu bla flus, bla ikel u mdejjnin. Kien jiddejjen, kien jitlef impjieg wara l-iehor minhabba l-attitudni tieghu mal-kollegi jew minhabba x-xorb. Kien imbaghad spicca jiehu d-droga ighid ix-xhud u kien hawn li ddecieda li ma setghux ikunu hbieb aktar. Ighid li l-ahhar li sema' fuqu u li kien jinstab il-Grecja.

18. Dr. Jessica Rita Galea in rapprezentanza tal-Ufficcju Citizenship xehdet illi l-intimat kien akkwista c-cittadinanza fid-9 ta' Jannar, 2009 fuq bazi ta' zwieg lill-persuna Maltija.[4] Tghid li kien applika fl-20 ta' Frar, 2008[5] u

[4] Ara Dok.JRG 1 a fol.51 tal-process.
[5] Ara Dok. JRG 2 a fol.52 tal-process.

tghid li kien mar ma' martu KL, ghax biex japplika jridu jmorru flimkien fid-Dipartiment u jaghmlu affidavit illi ghexu tal-inqas hames snin flimkien jew ghadhom ighixu flimkien u f'dan il-kaz kienu ghadhom jghixu flimkien. Ix-xhud ikkonfermat illi huma bhala Dipartiment ma jkunux jafu jekk l-intimat ghadux Malta jew le. Li jkollhom nota jekk ikun hemm separazzjoni u jigi ddikjarat li kien zwieg ta' konvenjenza. Setghet tikkonferma li t-talba ghac-citadinanza kienet saret wara li kienu ilhom mizzewwgin hames snin.

19. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' Jobs Plus, filwaqt li esebixxa l-employment history tal-intimat, jikkonferma li llum ma jahdimx u lanqas jirregistra. Ighid li mill-15 ta' Settembru, 2014 ma kellhomx aktar records tieghu.

20. R, habiba tar-rikorrenti tistqarr li kienet iltaqghet mal-intimat, izda tghid li ma tantx kienet tafdah u kienet izomm id-distanza minnu. Tghid li ma stajtx torbot fuqu, ghax filli jkun hdejk, imbaghad jisparixxi. Kien jidher li mhux kollox sew. Tghid li kien jidhol b'ghajnejh nofshom maghluqin u kien ighid li ghandu *lazy eye.* Ix-xhud tiddeskrivih bhala egoist u ma tantx kien jiehu hsieb it-tifel u fil-fatt it-tifel lanqas biss jikkunsidrah bhala missieru, ghax kien ghadu zghir hafna meta telqu.

**KONSIDERAZZJONI**

L-Artikolu 154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta jikkontempla illi :-

"***(1) Bla hsara ta' kull piena ohra li ghaliha jista' jkun suggett skond il-ligi, il-genitur jista' jigi mnehhi mill-*Qorti hawn fuq imsemmija, mill-jeddijiet kollha**

***ta' setgha tal-genituri, jew minn bicca minnhom, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:***
***……(b) jekk l-imgieba tal-genitur tista' taghmel hsara lit-trobbija tat-tifel; (e) jekk il-genitur jonqos li jaqdi xi wiehed mill-obbligi msemmija fl-artikolu 3B favur it-tifel."***

Meta dina l-Qorti ghandha tikkunsidra talba ghall-kura u kustodja eskluzziva, trid tiddetermina l-ewwel u qabel kollox x'inhu fl-ahjar interess tal-minuri. Mhuwiex importanti x'jixtieq il-genitur, huwa importanti biss x'inhu bzonnjuz u ta' beneficcju ghall-minuri.

Fil-kaz in kwistjoni, ir-rikorrenti kellha relazzjoni mal-intimat u minn dina r-relazzjoni kellhom tarbija C. Jirrizulta mill-provi li ghal bidu tar-relazzjoni, l-intimat, li kien Tork, kellu intenzjonijiet tajbin u kien qed jistudja l-Universita' ta' Malta, pero' jidher li ma damx wisq biex qabad it-triq tan-nizla'. Ma kienx kapaci jzomm impjieg, ghax generalment kienu jkeccuh jew minhabba li kien ikollu xi jghid ma' xi kollega jew minhabba x-xorb.

Mill-provi migjuba jidher li l-intimat kellu karattru dghajjef u kien jaqa'ghall-hafna vizjiet koroh, fosthom l-alkohol u d-droga. Kien ukoll spicca f'qaghda finanzjarja prekarja peress li kien iberbaq il-flus biex jiffanzja l-vizzji tieghu, sahansitra anke bil-gideb biex jhennu ghalih u jtuh xi flus, bhal kif kien jaghmel il-habib tieghu P, li ma damx ma ntebah li l-intimat ma kienx habib ta' min jafdah. L-intimat anke wasal sabiex seraq il-flus minghand omm ir-rikorrenti, kif ukoll minghand uliedha.

Ir-rikorrenti ghamlet minn kollox biex tghin lill-intimat, pero' kien ghal kollox irresponsabbli. Kien inkapaci li jmantni lill-ibnu, kien jinsisti mar-rikorrenti li

kellha taghti l-halib lill-minuri permezz tal-*breastfeeding* biex jiffrankaw il-flus. Kien addiritura anke jitlob il-flus minghand shabu, li kienu jghinuh jixtri l-hrieqi u l-halib tat-trabi, izda minflok kien juza l-flus ghall-bzonnijiet tat-tarbija, hafna drabi kien izomm parti minnhom ghalih biex jixtri x-xorb jew id-droga. Imbaghad beda jsir aggressiv mar-rikorrenti u anke ma' uliedha.

L-intimat jemergi ukoll bhala persuna giddieb u manipulatur. Jirrizulta li kien diga' mizzewweg ma' mara Maltija ma' certu KL u kollox jindika li kien zwieg ta' konvenjenza, ghax ezatt ftit wara li ghalqu hames snin mizzewwgin mar japplika ghac-cittadinanza Maltija li nghatatlu fid-9 ta' Jannar, 2009. B'dan ma kienx informa lir-rikorrenti mill-bidunett. Kien ivvinta li kien gewwa hostel u s-sid kien keccih. Meta ammetta li diga' kien mizzewweg u ssepara, martu kienet keccietu mid-dar u dan kollu biex ir-rikorrenti thenn ghalih u zzommu gewwa darha.

Din l-irresponsabbilita' tkompli tidher fl-atteggjament mal-minuri C. Qatt ma mantnih, qatt ma kien hemm ghalih u abbandunah meta kellu biss sena. Minkejja l-eta' tenera tieghu, C jidher li mmedjatament hass in-nuqqas tal-*father figure* u kien ihossha difficli biex jibbondja ma' nies ohra, ghajr ma'ommu li fuqha kien possessiv hafna. Kien biss maz-zmien li sar iktar tifel ferriehi, meta bena relazzjoni mar-ragel prezenti tar-rikorrenti FB, minkejja li dan tal-ahhar jammetti li t-tifel minuri dan biex jafdah, izda llum kien ifisser hafna ghalih u jsejjahlu "daddy." Wara kollox, missieru baqa' inkonsistenti f'hajtu, telaq lejn il-Grecja, gie darba fis-sena 2016 fejn talab tramite s-servizzi tal-avukat tieghu biex jerga' jara lill-ibnu, izda rega' sparixxa ghal darb'ohra. Kien halla tal-anqas prokura lir-rikorrenti biex jawtorizzaha tiehu decizjonijiet fl-interess tal-minuri. Illum jidher

li l-intimat qiegħed l-Istati Uniti, minkejja li huh ighid li kien ghadu jabbuza mid-droga u kien marad bil-Hepatitis C u kien ghamel zmien jigri fit-toroq.

Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi, ghal din il-Qorti, l-intimat mhux bniedem dehen li jkun missier tal-minuri C u li jekk qatt ma kien prezenti f'tfulitu, qatt ma jista' jkun prezenti issa, aktar u aktar meta n-nuqqas tieghu kien diga' holoq l-effetti fuq il-minuri f'eta' daqshekk tenera, effetti ta' rabja u abbandun, ahseb u ara issa li t-tifel irnexxielu jeghleb dawn l-emozzjonijiet f'eta' tant zghira. Ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li t-tifel minuri jinsab ahjar ighix hekk u ghalkemm mhix is-sitwazzjoni idejali, ragel iehor offrielu dik il-kuntentezza u mhabba li ma sabx f'missieru u dawn huma l-elementi li jwasslu ghall-harsien tal-interessi tal-minuri.

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghaldaqstant;

1.Taffida l-kura u kustodja tal-minuri CD esklussivament lill-esponenti omm;

2.Tnehhi l-intimat l-awtorita' ta' genitur a tenur tal-artikolu 154, tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' disposizzjonjiet ohra rilevanti u applikabbli fl-interess suprem tal-minuri u tvesti l-awtorita' tal-genitur esklussivament f'idejn l-istess esponenti AB sabiex ikollha d-dritt, responsabbilita' u awtorita' li tiehu dawk id-decizjonijiet kollha ordinarji u straordinarji ghal binha minuri, inkluz dawn ghat-trobbija, edukazzjoni, sahha u religjon.

Bl-ispejjez ghall-intimat.

**Onor. Imhallef Anthony Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Deputat Registratur**